**Il-Gimgha 2 ta' Lulju, 2004**

## Bnadar

Donna li dan l-ahhar giet ghall-bnadar. Wara kollox mhux kwalunkwe perpura hija bandiera hija simbolu. Anke l-bandar fuq il-bjut li n-Nazzjonalisti qed iweggghulhom is-sentimenti msieken.

Weggghalhom is-sentimenti l-fatt li fic-celebrazzjonijiet tar-rebha ma rawx jittajru bnadar ta' l-Unjoni. Fil-fehma tieghi dan ghal darb'ohra juri bic-car min hu l-Partit u min huma l-partitarji li ghalihom verament Malta tigi l-ewwel u mhux l-Unjoni. U dan fi zmien fejn il-Malti qed ibati iktar minn qatt qabel.

Pero' f'din l-elezzjoni barra milli kellna l-bnadar tal-Partit Laburista li ttajru ghal gimghatejn konsekuttiva biex jikkommemoraw zewg rebhiet – wahda tal-Membri Parlamentari Ewropej u ohra tal-Kunsilli Lokali, kellna wkoll diversi bnadar ta' teamijiet tal-football Ewropej. Kellna dawk tal-Germanja, ta' l-Ingilterra u ta' l-Italja li dehru mdendla mal-galleriji barokki tal-Belt u tal-Kottonera kif ukoll ma' l-aluminium u l-faccati ta' l-irhula kollha ta' Malta.

Kien simbolu iehor tal-poplu hal darb'ohra rriafferma li ghalih l-Ewropa jippreferiha fit-teamijiet tal-football u ghal-kemm dejjem jixtieq jibqa' l-ikbar habib ta' l-Ewropej – kif ghal dawn in-nazzjonijiet Ewropej pajjizhom jigi l-ewwel hekk ukoll ghall-poplu Malta pajjizu jigi l-ewwel.

Pero' storja li zgur serqet ix-xena kollha fl-ahhar tal-gimgha kienet dik ta' bandiera tal-Partit Laburista li ttajret f'nofs loghba football Europea bejn l-Italja u l-Bulgarija. Il-persuna li tajritha zgur li m'ghamlet xejn hazin u l-idea originali, zgur li timmerita premju, jekk xejn, ghall-originalita'. Li hu nteressanti iktar pero' kif certi nies li jithallsu l-belli liri biex jiktbu fil-gazzetti bl-Ingliz – certa personalita' tas-sess femminili li ghandha don specjali hafna f'dawn il-gzejjer li taf tikteb bl-Ingliz – tkazaw ghax raw din il-bandiera tittajjar f'nofs ground tal-football.

Lil din il-persuna nfakkarha – jew ghalinqas ninfurmaha – li meta gie l-Papa hawn Malta fl-1999 biex jahar tliet beati Maltin – fost il-hafna bnadar tal-Papa kien hemm 'banner' kbir ta' l-MZPN li probabbilment kien l-ikbar bandiera li kien hemm qalb dawk in-nies kollha. Jien kont parti mill-folla u ddizgustajt ruhi ghall-ahhar meta rrealizzajt li l-Partit Nazzjonalista sahansitra qed japprofitta ruhu mill-udjenza tal-Papa biex jaghmel propaganda politika rhisa.

U Daphne imbaghad tkompli tghid li sa mn'Alla hadd ma seta' fehem dik il-bandiera x'kienet fost ground mimli supporters minn nazzjonalistajiet differenti. Dan ifisser li l-bandiera tal-Partit Laburista ma rridikulatx l-avveniment ghax kienet barra minn Malta u

s-sinifikat taghha kien biss ghall-Maltin li jarawh minn fuq it-televizjoni u ma kienx joffri xi tediad ghall-ghan li ghalih l-udjenza ngabret.

B'differenza minn dan pero' fl-udjenza li s-Santita' Tieghu l-Papa kellu gewwa Malta, banner politiku kien qed jintuza go post fejn setghet tifhmu l-maggoranza u mhux biss il-minoranza u ghalhekk kien qed jirredikola l-ghan li ghalih l-udjenza ngabret fil-waqt li l-MZPN kienet ukoll qed tpprofitta ruhha min-nuqqas ta' gharfien tal-lingwa tal-Papa u l-entourage ufficjali tieghu li nemmen bis-shih li kieku kienu jafu x'kien il-messagg ezatt – apparti xi kliem 'welcome' – kieku kienet tordna li jitnehha l-'banner'. Li setghet tifhem s-sinifikat izda ,'ghamlet xejn dwaru kienet il-Knisja Maltita li ghal darb'ohra dehret li taccetta hafna affarijiet fejn jidhol il-PN – anke nuqqas ta' etika.

U jekk xi hadd qed jiddubita l-korrettezza ta' dak li qed nighid jara l-filmati televizivi ta' l-udjenza tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana f'dan l-avveniment u jikkonferma. U jekk xi hadd jara l-filmati televizivi u ma jarax dan il-banner li qed nitkellem fuqu – ifisser li l-banner gie maqtugh barra propozitament halli fuq it-telvizjoni ma jidhirx.

U dan ikun qed ifisser ukoll li f'dik l-okkazjoni l-MZPN kien qed jaqbel il-limiti u kien jaf li qed jaqbizhom. U li l-medja ippruvat tahbi b'xi mod dan il-gest xejn etiku.

Ghal min ihobb jitkaza qed nghidlu fejn ghandu jfittex ezatt halli jkollu ghalxiex jitkaza!